MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 1766/1998/1

**Robert Camilleri**

**v.**

**Malta Shipbuilding Company Limited**
**u b'digriet tas-16 ta' Frar 2004 Saviour Gauci**
**f'isem il-Gvern bhala successur tas-socjeta`**
**Malta Shipbuilding Company Limited assuma l-atti**
**tal-kawza u dana wara l-Att ta' l-2003 dwar**
**ir-Ristrutturar tat-Tarznari fejn**
**il-Malta Shipbuilding Company Limited giet xolta,**
**likwidata u stralcata.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR**

1. B'citazzjoni fil-kawza fl-ismijiet premessi l-attur wara li ippremetta li fl-20 ta' Lulju 1995 waqt li l-attur kien qed jahdem bhala 'blaster' bil-lejl, b'inkarigu tas-Socjeta` konvenuta, hu sofra korriment f'irkubbtejh ta' siequ l-leminija waqt li kien ghaddej minn fuq skala mimduda tal-hadid li kienet qed tistrieh fuq barkun u sofra danni kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi dan l-incident gara minhabba t-tort u jew negligenza u jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti tal-konvenuti nomine kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenuti nomine gew interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur izda baqghu inadempjenti; premess dan, hu talab li l-Qorti:-

(1) Tiddikjara illi l-konvenuti nomine huma responsabbli ghall-korriment li huwa sofra u ghad-danni konsegwenzjali.

(2) Tillikwida d-danni minnu sofferti u dan jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi.

(3) Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsuh id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-12 ta' Mejju 1997 u tal-21 ta' Lulju 1998 kontra l-konvenuti nomine.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

Is-socjeta` konvenuta eccepiet hekk:

(1) In linea preliminari c-citazzjoni kif formulata mhix espressa fit-termini mahsuba fl-Artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12. Konsegwentement ic-citazzjoni kif imposta ma tregix u ghandha tigi dikjarata irrita u nulla,

(2) Fit-tieni lok u fil-meritu t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta` eccipjenti ma kienetx responsabbli la ghall-allegati incident u lanqas ghall-infortunju. Inoltre lanqas ma jidher li l-attur illum ghad ghandu debilita` permanenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza taghha tas-26 ta' Frar 2001, il-Qorti Civili Prim Awla, wara li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni stante li din giet irtirata, iddecidiet il-kawza billi ddikjarat li s-socjeta` konvenuta kienet unikament fi htija u llikwidat id-danni fl-ammont ta' sitta u ghoxrin elf lira (Lm26,000), u kkundannatha ghall-istess ammont, bl-ispejjez.

**L-APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

4. Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata b'din id-decizjoni u minnha interponiet appell quddiem din il-Qorti fuq l-aggravju illi l-ewwel Qorti ghamlet valutazzjoni skorretta jew inkompleta tal-provi u tal-principji rigwardanti rizarciment ta' danni. In effetti l-aggravji li qed tqajjem is-socjeta` appellanti jikkoncernaw kemm il-fatt tal-htija kif ukoll il-likwidazzjoni tad-danni. L-aggravji tas-socjeta` appellanti huma esposti aktar dettaljatament hekk:

**DWAR IR-RESPONSABILITA`**

5.1 Is-socjeta` esponenti hi azjenda organizzata b'korp manegerjali u foremen ghal kull settur. Sakemm ma jigix ipprovat illi s-socjeta` esponenti, qua principal, ingaggat haddiema 'mhux ta' hila' (Artikolu 1037 Kodici Civili), kull incident li jokkorri fuq il-post tax-xoghol ma ghandux jissarraf dejjem fi htija awtomatika f'min ihaddem. Fil-ligi taghna ma ghandniex il-kuncett ta' "strict liability" u, anke jekk, mhux dejjem, in-normi in materja tal-"kulpa" jew tar-rizarciment ta' danni ma jikkorrispondux maz-zmenijiet jew ma' l-esigenzi tal-hajja, l-Qorti hi kostretta li tapplika l-ligi kif issibha.

5.2 Issa huwa veru wkoll illi "si ha la colpa ed il quasi delitto quando si ha la violazione di un dovere od una

volontaria omissione della diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene”. (Vol.XXIV p. I p.172).

B’dankollu, anke jekk tenut qies ta’ din l-affermazzjoni, kemm tista’ l-kumpanija tigi rinfaccjata b’nuqqas serju ghall-akkadut meta hi ghandha nies imharrga u kwalifikati ghal tal-apposta, mghallmin kompetenti li xogholhom hu li jassikuraw mhux biss it-tqassim tas-singoli mansjonijiet ta’ l-impjegati izda fuq kollox li jittiehdu l-mizuri kollha biex is-sistema ta’ l-attivita` ezercitata tkun “safe”. Fi kliem iehor kemm jista’ jinghad b’certezza illi kienu prevedibbli ghall-kumpanija, qua persuna guridika, illi kienu jezistu probabilitajiet ragonevoli illi bhala persuna li thaddem kienet kostretta tipprevedi l-infortunju li sehh u li ghalhekk ghandha tissussisti fil-konfront taghha wkoll il-kolpa bhala bazi ghall-azzjoni ghad-danni.

5. 3 Jinghad fid-decizjoni “John Debono vs. Neg. Jos. Muscat, pro. et noe.” (Vol. XLIV, p. I p.343) – fejn si trattava ta’ korriment ta’ apprendista go fabbrika – illi “in linea ta’ massima ebda tort ma jista’ jinghata lis-sid ta’ fabbrika jekk xi wiehed mill-impjegati jkorri jew imut fuq il-post tax-xoghol meta dak is-sid ikun ghamel fil-fattorija dak kollu li jkun ordnat lilu mill-ligi. Lil sid il-fabbrika ma jistax jigi attribwit nuqqas ta’ osservanza tad-dover ta’ sorveljanza fuq dak il-“learner” ghax id-dover ta’ sorveljanza ma jidhirx li jista’ jigi interpretat fis-sens li l-imghallem ghandu joqghod kull waqt u hin attent ghal kull haddiem”.

Din ir-riflessjoni ghandha ssib sostenn u forza aktar u aktar fejn fil-fabbrika jew post tax-xoghol ghandek nies ghal ta’ l-apposta – foremen u mghallmin – b’responsabilita` ta’ sorveljanza.

In tema guridika biex sid jigi ritenut responsabbli ghall-ghemejjel ta’ impjegat fil-konfront ta’ impjegat iehor irid jigi ppruvat dak espress fl-Artikolu 1037 citat.

Jekk invece jinstab illi s-sid ottempera ruhu mar-regolamenti relattivi ghas-sahha u skansar in generali fuq ix-xoghol ta' l-impjegati kollha tieghu, kif ahjar imfissra u stabbiliti fl-Ordinanza (Kapitolu 169) u r-regolamenti li jghoddu ghaliha, u ghandha nies addestrati appozitament ghal dan, ma jregix l-argument, li donnu sar pacifiku zzejjed, illi xorta wahda l-principal jissokta jigi, b'mod awtomatiku, ritenut fi htija.

5.4 Dan kollu stabbilit qed jigi emfasizzat in kwantu mill-korp tal-provi ghandu jirrizulta ben altru. Biex jevitaw tragitti itwal biex jilhqu s-settur fejn kellhom jahdmu haddiema tas-socjeta` ghamlu bhal fallakki biex ighaddu ghad-dritt minn fuqhom u jilhqu l-barkun. Allavolja kien liebes 'safety shoes' l-attur "zelaq" fuq wahda minnhom u sehh l-incident. Dan fl-ispjega fornita mill-istess attur fid-deposizzjoni tieghu tat-18 ta' Ottubru 1999.

Issemmiet ukoll l-assenza ta' dawl adegwat fl-area ta' l-incident, izda dwar dan jirrizulta li l-foreman responsabbli (Joseph Seychell, udjenza 19 ta' Gunju 2000) ghalkemm konsapevoli, naqas li jinforma jew jirrapporta lill-kumpanija. Evidentement, kien biss 'ex post facto' l-incident li l-istess haddiema rrimedjaw ghan-nuqqasijiet ta' haddiema ohra. Dan ma ghandu jservi ta' l-ebda pretest biex tigi addossata responsabilita` fuq il-kumpanija.

5. 5 F'materja ta' danni akwiljana l-ligi trid, u anzi tirritjeni li hu in kolpa min ma juzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' 'bonus pater familias'. Ma tghidx li min ihaddem ghandu jkun in kolpa wkoll fejn haddiema li jkunu negligenti jew traskurati, u javvera ruhu incident b'effett ta' l-istess traskuragni, li jkollu konsegwenzi ghall-haddiema ohra. Zgur li ma jistax guridikament jigi konsentit illi ghall-imprudenza tat-terzi jbati wkoll min ihaddem, jekk hu ma jkunx fi htija, u, kif inghad supra, jkun ha l-mizuri intizi precizament biex jiskonguraw il-konsegwenzi.

**<u>DWAR IL-LIKWIDAZZJONI TAD-DANNI</u>**

6. 1 A skans ta' ekwivoci jinghad mill-ewwel f'dan il-kuntest illi s-socjeta` appellanti ma taqbel xejn mar-

ragonament ta’ l-ewwel Qorti dwar il-mod kif illikwidat id-danni.

Jigi notat ukoll, u dan bhala semplici punt ta’ riflessjoni, illi ghalkemm, u dan kien hekk sewwa li sar, in subjecta materia iddipartjena progressivament mill-istat li kien jistabilixxi massimu statutorju ta’ Lm12000, b’danakollu prezentement ghad ma ghandniex razzjonalizzar fuq sistema konkordanti ta’ komputazzjoni li tabilhaqq taghmel gustizzja ma’ kulhadd – danneggjat, danneggjant u/jew l-assikurazzjoni ta’ dan l-ahhar.  Jidher li minn sistema rigida u inflessibbli ‘ipprogredejna’ lejn sistema liberali, esageratament permessiva karatterizzata soventement mill-interess u l-ottika tad-danneggjat li forsi tista’ ssib favur f’guridizzjonijiet ohra izdali hi kemmxejn aljena ghan-normi tal-ligi taghna, senjatament l-Artikolu 1045 Kodici Civili.

It-teorija tar-‘restitutio in integrum’ m’ghandhiex tfisser ‘libertinagg’ ta’ kalkoli in kwantu tibqa’ dejjem timpera r-regola illi in materja ta’ danni l-mizura ghandha tkun dik tal-<u>veru</u> re-integrazjoni tal-patrimonju tad-danneggjat minn kull konsegwenza ekonomika ta’ l-event dannuz (“<u>Edgar Sant Vs. Peter Borg</u>” Prim Awla per Imh. Rutter Giappone, 3 ta’ Ottubru, 1979; “<u>Antonio Zammit Vs. Mario Calleja</u>” App. Sed. Inf. 12 ta’ Jannar 1997), bazata fuq it-telf reali u mhux fuq meri astrattizmi u kuncetti inkapaci li joholqu ekwilibriju gust bejn id-danneggjat u d-danneggjant.

6.2  Tibqa’ dejjem valida l-osservazzjoni ta’ l-Imhallef A.V. Camilleri sedenti fil-kawza “<u>Carmelo Grech, pro. et. Noe. Vs. Michael Azzopardi</u>” (Vol. XXXIII p.II p.1):-

“Illi f’kazi bhal dawk in diskussjoni, fil-hsieb ta’ din il-Qorti jistghu jservu ta’ gwida ghall-kompitu ekonomiku jew gusta kompensazzjoni l-konsiderazzjonijiet tal-posizzjoni socjali u ekonomika-kummercjali tal-partijiet u tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluzi l-materji li jistghu jaggravaw jew inaqqsu d-danni.

Illi huwa ta' min jikkonsidra illi fil-likwidazzjoni tad-danni ghandhom jigu konsiderati l-accidenti tal-hajja, fosthom dik li tissejjah

"expectation of life", mhux mill-punto di vista ta' l-eta` biss, imma anke dak ta' l-istat tas-sahha tal-bniedem li jkun, kwalunkwe ragonevoli prospett ta' zieda, u dan apparti l-kapacitajiet specjali tal-persuna korruta u d-dipendenza ta' min javvanza t-talba ghad-danni fil-kaz ta' mewt".

6. 3 Dan stabbilit, u tenut rigward ta' dak li l-ligi ex Artikolu 1045 issemmi bhala "l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara", fil-metodu ta' komputazzjoni ghandhom jittiehdu rigward 'inter alia':-

i) ghall-fatt li l-kapital tad-dannu ser jithallas f'daqqa u min jippercepih ser idahhlu f'daqqa;

ii) l-interessi li ser ikunu realizzabbli fuq dak il-kapital;

iii) l-accidenti tal-hajja bhal mard, telf ta' "job", krizijiet ekonomici, u incidenti simili tal-hajja.

Tabilhaqq ma tezisti l-ebda regola 'a priori' illi d-danneggjat ser ikollu xi aspettattiva ta' xoghol sakemm jilhaq l-eta` tal-pensjoni.

6. 4 Is-socjeta` esponenti tobbjetta fermament ghall-fatt illi fil-kaz taht konsiderazzjoni l-Qorti b'semplici formula aritmetika kkalkolat illi l-attur:-

i) kellu telf ta' Lm4700 bejn overtime u allowances fis-sena partikolari illi fih sehh l-incident;

ii) u ghandu jkollu rizarciment f' 'lucrum cessans' ta' Lm21,360.

Ibda biex il-Qorti ma kellhiex tasal ghall-konkluzjoni taghha dwar it-telf attwali ta' Lm4700 ghax semplicement haddiem iehor, certu Grezzju Attard, ircieva daqstant f'overtime u allowances. L-overtime u l-allowances ma huma prerogattiva ta' hadd u lanqas ma ghandu jigi

arguwit illi ghaliex haddiem wiehed qala’ daqshekk, haddiem iehor kellu bilfors jaqla’ daqsu. Huwa alkwantu azzardat illi jsir paragun bhal dan biex wiehed iserrah il-kuxjenza u jafferma li dan kien it-telf attwali subit ukoll mill-attur. Huwa minn ewl id-dinja illi l-ebda impjegat ma ghandu l-istess kapacita` jew inklinazzjoni ghax-xoghol bhal impjegat iehor. Kif lanqas ma ghandu jigi ritenut illi, rebus sic stantibus, il-wiehed kien ser jaqla jew jircievi ammont ekwivalenti bhal iehor. Din mhix l-ahjar prova li kellha tingieb biex gudikant, b’kuxjenza kwieta, jasal ghall-konkluzjoni tieghu. Ghalhekk fil-kuntest, il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti hi perplessa, anke jekk jigi accettat illi lill-gudikant jikkompeti margini ta’ latitudni diskrezzjonali. Tali diskrezzjoni hi sindakabbli, inkella tkun qed tipperpetwa ingustizja, fejn dan m’ghandux jigri.

6. 5 Naturalment l-accettazzjoni jew approvazzjoni mill-Qorti ta’ dak it-telf allegatament subit mill-attur issokta jivvantaggjah ‘indebitament’ ghal dak li hu kalkolu tal-‘lucrum cessans’ in kwantu l-Qorti hadet in konsiderazzjoni mhux biss il-paga bazika izda wkoll ‘l-overtime u l-allowances’ – donnhom dawn kienu ser jissoktaw jigu percepiti in perpetwu.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, u konsiderati l-avariji tal-hajja, dan il-kriterju hu ferm ’il boghod minn kull diskrezzjoni prudenzjali jekk mhux ukoll illogiku. Huwa veru li l-ebda formula ma tissoddisfa izda zgur ma jistax jigi accettat illi t-telf futur kelli jkun ukoll kommensurat mad-dhul kollu possibbli f’paga, overtime u allowances meta dan mhux hekk il-kaz. Biex jigi ppremjat id-danneggjat ma ghandux jigi penalizzat id-danneggjant. Din mhix kwistjoni ta’ semplici perfezzjonament aritmetika izda ta’ x’ghandu jkun “fair and reasonable compensation” derivanti mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li umanament hija possibbli”; (“Louis Vincenti vs. Carmelo Micallef” Vol. XLV p. II p.680). Altrimenti jsehh dak li kien jippreokkupa lil Sir Adrian Dingli u cioe` “si potrebbe cagionare la rovina del dannegiante”, kif kommentat in re:- “Victor Savona, pro. et noe. vs. Dr. Peter Asphar, et: Vol. XXXVI p. I p.181).

6. 6 Materja bhal dik hawn traccjata gia` giet analizzata u l-punt involut opportunement indirizzat fil-kawza "Vincent Cutajar vs. Alfred Scicluna" deciza fil-31 ta' Jannar 1995 (Imhallef J. Said Pullicino) konfermata in Sede Appell fis-26 ta'Gunju 1997. Il-Qorti kienet ikkonsidrat illi l-overtime u allowances huma elementi incerti li jvarjaw minn sena ghall-ohra u ghalhekk gustament hasset illi dan id-dhul ma jigix sostanzjalment mizjud in konsiderazzjoni ta' zidiet futuri fil-paga. Tajjeb li din l-affermazzjoni tigi applikata b'egwal mizura fil-kaz de quo.

Ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta appellanti talbet li din il-Qorti joghogobha tirrevoka s-sentenza appellata tas-26 ta' Frar 2001 fil-kawza fl-ismijiet premessi – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**RISPOSTA TA' L-APPELLAT ROBERT CAMILLERI GHAR-RIKORS TA' L-APPELL TAS-SOCJETA` APPELLANTI**

7. L-attur appellat wiegeb hekk:
(1) Illi s-sentenza appellata "Robert Camilleri v. Malta Shipbuilding Company Limited" (Citaz. Nru. 1766/98/AJM) hija gusta u timmerita konferma peress illi l-incident tal-20 ta' Lulju 1995, li fih korra l-attur waqt li kien qed jahdem b'inkarigu tas-socjeta` appellanti, sehh, kif irriteniet tajjeb l-ewwel Qorti, unikament tort u htija tas-socjeta` appellanti.

(2) Illi l-principji wkoll li gew adottati mill-ewwel Qorti rigwardanti l-likwidazzjoni u rizarciment ta' danni kawzati lill-appellat fl-incident tal-20 ta' Lulju 1995 huma gusti u jimmeritaw li jigu konfermati.

(3) Illi l-Artikolu 1032 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi "*Jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja*"; kif ukoll l-Artikolu 1033 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi "*Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li*

*jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk".*

(4) Illi mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta kjarament illi s-socjeta` appellanti ma ezercitatx il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' *bonus paterfamilias* mistennija minnha biex tipprevjeni incidenti bhal dak li effettivament gara, u dana bi ksur ta' l-Artikolu 1032 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u naqset ukoll mid-dmir impost fuqha bl-Artikolu 9 (1) tal-Kap. 367 tal-Ligijiet ta' Malta li tizgura li jittiehdu l-mizuri u l-prekawzjonijiet ragonevoli kollha biex il-post tax-xoghol ikun, sa fejn huwa ragonevolment prattiku, hieles minn kull periklu ghas-sahha u ghas-sigurta`, u hekk bi ksur ukoll tal-fuq imsemmi Artikolu 1033 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

(5) Illi s-socjeta` appellanti tissottometti fir-rikors taghha illi ghandha nies imharrga u kwalifikati ghal tal-apposta, mghallmin kompetenti li xogholhom hu li jassikuraw mhux biss it-tqassim tas-singoli mansjonijiet ta' l-impjegati izda fuq kollox li jittiehdu l-mizuri kollha biex is-sistema ta' l-attivita` ezercitata tkun "safe". Mill-provi jirrizulta ben altru. Jirrizulta mix-xhieda tas-Safety Officer Thomas Abela li s-socjeta` kienet holqot speci ta' bridge, maghmul minn skajjel perikoluzi li ma kienux intizi ghal dan il-ghan, biex il-haddiema ma jitilfux hin iduru d-dawra tal-bacir biex jilhqu l-barkun u jilhqu s-settur fejn kellhom jahdmu. Jirrizulta li din l-iskaluna kienet ilha tintuza ghal dan il-ghan, bil-konxxenza ta' l-istess Safety Officer, li xogholu huwa fost ohrajn li ma jhallix isiru prattici perikoluzi ghas-sahha tal-haddiema: u l-ghada li gara l-incident tpoggew tavluni fuq l-iskalun biex b'hekk l-ispazju li kien hemm bejn skaluna u ohra, u li bejnietu wehlet sieq l-appellat, gie mghotti u tnehha l-periklu. Fil-hin li sehh l-incident kien hemm dlam cappa waqt li l-haddiema kienu qed jaqsmu minn fuq l-iskaluni, u kien biss l-ghada li sehh l-incident li twahhal id-dawl. Fil-hin li sehh l-incident fejn wegga' l-attur, is-Safety Officer tas-socjeta` appellanti lanqas biss kien qieghed xoghol.

(6) Illi s-socjeta` appellanti qieghda tipprova tezonera ruhha mir-responsabbilta` ta' l-incident li fih wegga' l-attur

billi, fost ohrajn, titfa' l-htija ta' dak li gara fuq terzi persuni haddiema ohra ta' l-istess socjeta`. Hu principju stabbilit pero`, kif intqal fil-kawza fl-ismijiet "John Sultana v. Francis Spiteri et noe" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (per George Schebri J) fit-28 ta' Mejju 1979, li min ihaddem ghandu "*id-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragjonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem*"; dan id-dover ma jghajjatx lil terzi, kif qed tipprova tissottometti s-socjeta` appellanta, izda lil min ihaddem. Fuq dan il-punt, wiehed isib fil-Munkman (Munkman on Employer's Liability, Twelfth Edition p. 70 & 71) illi:

"The primary duty arises just by virtue of the employment relationship and exists 'whether or not the employer takes any share in the conduct of the operations' (Lord Wright in *Wilsons and Clyde Coal Co Ltd v* English [1938] AC 57 at 84). Thus, if the employer delegates this duty to another, the employer remains liable if the duty is breached. It is not sufficient for the employer merely to select a competent person to perform the duty: see Lord Tankerton in Wilsons at 64, Lord Wright at 78. In the words of Parker LJ in *Davie v New Merton Board* Mills [1958] 1 QB 210 at 237-238:

"The duty owed by a master to his servant at common law can be stated in general terms as a duty to take reasonable care for the safety of his servants....if the master delegates.....the performance of that duty to another he remains liable for the failure of that other to exercise reasonable care...this principle holds good whether the person employed [ie employed to carry out the duty] by the master is a servant, a full-time agent or an independent contractor.

Explained in *Wilsons and Clyde Coal Co Ltd v English* [1938] AC 57 and clarified in *McDermid v Nash Dredging and Reclamation Co Ltd* [1987] AC 906, HL, it is established that this covers the personal duties to provide a safe system of work, safe workplace and safe plant, and competent staff (on the latter, see *Hudson v Ridge Manufacturing Co Ltd* [1957] 2 QB 348); but in principle it

should extend to any of the duties which are included in the employer's duty to take reasonable care. Only if the employer shows that both he *and* the person charged with the performance of the duty exercised reasonable care is the relevant duty not breached."

U hija l-istess socjeta` appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha li qeghda tghid illi "*Issemmiet ukoll l-assenza ta' dawl adegwat fl-area ta' l-incident, izda dwar dan jirrizulta li l-foreman responsabbli (Joseph Seychell, udjenza 19 ta' Gunju 2000) ghalkemm konsapevoli, naqas li jinforma jew jirrapporta lill-kumpanija. Evidentement, kien biss "ex post facto' l-incident li l-istess haddiema rrimedjaw ghan-nuqqasijiet ta' haddiema ohra'.* Ta' min jirreleva hawnhekk ukoll illi s-socjeta` appellanti qeghda "ex admissis" tammetta n-nuqqas ta' dawl adegwat fil-lokalita` ta' l-incident li fih wegga' l-appellat, liema nuqqas hu gravi meta tqis li x-xoghol kien qed isir bil-lejl. Mhux minnu dak li qed jigi allegat fir-rikors ta' l-appell illi "*kienu l-istess haddiema li rrimedjaw ghan-nuqqasijiet ta' haddiema ohra*". Kienet is-socjeta` appellanti stess li rrimedjat ghan-nuqqasijiet taghha stess, sfortunatament tardivament ghall-appellat.

Ta' min jirrileva hawnhekk ukoll illi l-istess socjeta` appellanti ma qeghda titfa' u ma ssib l-ebda htija ghall-akkadut fuq l-appellat.

(7) Illi s-socjeta` appellant tissottometti, fi kliem generiku u xejn gustifikat u kumplimentuz fil-konfront ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, illi t-teorija tar-'restitutio in integrum' m'ghandhiex tfisser 'libertinagg' ta' kalkoli in kwantu tibqa' dejjem timpera r-regola illi in materja ta' danni l-mizura ghandha tkun dik tal-veru re-integrazzjoni tal-patrimonju tad-danneggjat minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz, bazata fuq it-telf reali u mhux fuq meri astrattizmi u kuncetti inkapaci li joholqu ekwilibriju gust bejn id-danneggjat u d-danneggjant. Illi in vista ta' din is-sottomissjoni maghmula mis-socjeta` appellanti, tajjeb wiehed jaghmel riferenza ghal dak li rriteniet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tat-8 ta' Mejju 1990 fil-kawza fl-ismijiet "Mario Camilleri vs Mario

Borg et noe” (Vol. LXXIV. iii.512) fejn il-Qorti kkonkludiet illi:

“*Il-gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta` u kemm huwa possibbli, terga’ tpoggi lill-vittma, ta’ kwalsiasi att ingust, fl-istat li kien qabel....Huwa ingust li f’dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta’ l-att illegali u ingust ta’ haddiehor m’humiex possibli, ma tassikurax kemm tista’ kompensazzjoni adegwata*”.

(8) Illi s-socjeta` appellanti tissottometti, fost ohrajn, li fil-metodu ta’ komputazzjoni tad-danni ghandu jittiehed rigward ghall-fatt li l-kapital tad-dannu ser jithallas f’daqqa u min qed jippercepih ser idahhlu f’daqqa, kif ukoll l-interessi li ser ikunu realizzabli fuq dak il-kapital, u l-accidenti tal-hajja bhal mard, telf ta’ “job”, krizijiet ekonomici, u incidenti simili tal-hajja. Is-socjeta` appellanti tilmenta wkoll ghall-fatt illi l-Qorti kkundannat lill-imsemmija socjeta` thallas lill-attur LM4700 bhala kumpens dwar it-telf attwali (rapprezentanti overtime u allowances li l-attur tilef fis-sena li huwa kellu jassenti ruhu minn fuq ix-xoghol minhabba l-korriment li sofra), u LM21,360 bhala ‘lucrum cessans’. Tonqos issemmi s-socjeta` appellanti, pero`, il-fatt li l-appellat ilu kwazi sitt snin li sofra l-incident u ghalhekk sal-lum l-attur ilu kwazi sitt snin jistenna l-kumpens dovut lilu, u minkejja dan kien hemm it-tnaqqis ta’ ghoxrin fil-mija (20%) bhala ‘lump sum payment’. F’dan ir-rigward wiehed ma jistax jonqos li jaghmel riferenza ghas-sentenza moghtija ricentement fl-ismijiet “Susan Davies et versus Anthony Galea”(Prim Awla Qorti Civili, per Noel Arrigo, 10 ta’ Ottubru 1997, Vol. LXXXI Pt. III) fejn il-Qorti kienet irreteniet illi ma kellu jkun hemm l-ebda *lump sum deduction* minhabba l-fatt li l-attrici kienet ilha tistenna kwazi 8 snin biex tiehu l-kumpens dovut lilha, kif ukoll minhabba l-fatt li fuq is-somma likwidata kien intilef l-imghax sakemm sar il-hlas, u dana f’perijodu meta diga` kien hemm id-dizabilita` kagun ta’ l-incident, kif ukoll minhabba l-fatt illi d-dizabilita` hija permanenti u kontinwa mentri l-introjtu ta’ l-attrici kien gie kristallizzat f’mument partikolari kontra l-probabilita` storika li fil-futur il-paga potenzjalment kellha tizdied.

Dawn huma cirkostanzi kwazi identici ghall-kaz li din l-Onorabbli Qorti illum ghandha quddiemha, u li s-socjeta` appellanti qeghda konvenjentement tonqos li ssemmi.

(9) Illi s-socjeta` appellanti tilmenta mill-fatt li hi giet ordnata thallas is-somma ta' Lm4700 bhala kumpens dwar it-telf attwali u minhabba l-fatt li din is-somma kif likwidata issoktat tivvantaggja lill-attur fil-kalkolu tal-'lucrum cessans', in kwantu l-Qorti hadet in konsiderazzjoni mhux biss il-paga bazika izda wkoll l-'overtime' u l-'allowances'. Is-socjeta` appellanti tikkonforta ruhha fl-argument taghha billi tikkwota s-sentenza tal-kawza "Vincent Cutajar v. Alfred Scicluna" konfermata in Sede Appell fis-26 ta' Gunju 1997. Pero` s-socjeta` appellanti tonqos li ssemmi sentenza aktar recenti, dik moghtija fis-7 ta' Lulju 1998 mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "George Gatt v. Francis E. Carbone", fejn ghall-komputazzjoni tal-lucrum cessans, il-Qorti adoperat bhala l-qliegh annwu l-qliegh gross f'paga, *bonus u allowance/overtime.*

(10) Illi s-socjeta` appellanti tilmenta mill-fatt illi l-Lm4700 bhala kumpens dwar it-telf attwali ta' l-overtime u allowances gew ikkalkolati fuq l-overtime u allowances li jircievu bhala medja haddiema fil-grad ta' blasters bhalma hu l-attur. Is-socjeta` appellanti issottomettiet li l-ebda impjegat ma ghandu l-istess kapacita` jew inklinazzjoni ghax-xoghol bhal impjegati ohra u li ghalhekk ma kellux jittiehed l-overtime u l-allowances li qala' haddiem iehor bhala l-overtime u l-allowances li kien jaqla' l-attur li kieku ma sofriex l-incident li sofra. Bl-istess argument wiehed jista' jargumenta illi l-attur kien kapaci u seta' ghamel hafna izjed overtime milli ghamlu haddiema ohra kieku ma sofriex l-incident li huwa sofra htija unikament tas-socjeta` appellanti. Illi ghalhekk fic-cirkostanzi kienet gusta l-formula li adoperat l-ewwel Qorti billi hadet il-medja ta' dak li jaqla' blaster bhala overtime u allowances.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

8. L-appell in ezami jikkoncerna azzjoni ta' danni in konsegwenza ta' korriment minn wiehed mill-haddiema (l-attur appellat) fuq il-lant tax-xoghol, meta dan kien

impjegat bhala “blaster” mal-Malta Shipbuilding Company Ltd (is-socjeta` konvenuta appellanti). Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet li ghal dan l-infortunju fuq il-post tax-xoghol li gara fit-tarzna fl-20 ta’ Lulju 1995 kienet unikament responsabbli s-socjeta` konvenuta u llikwidat in linea ta’ danni l-ammont globali ta’ Lm26,000.

9. Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti ghamlet valutazzjoni skorretta tal-provi kif ukoll tal-principji rigwardanti rizarciment ta’ danni. Fi kliem iehor, dan l-appell jikkoncerna kemm it-talba dwar ir-responsabbilta` ghall-akkadut, kif ukoll, talvolta dovuti, il-*quantum* tad-danni li gew likwidati.

10. Is-socjeta` appellanti tissottometti li hija pprovdiet lill-haddiema, inkluz l-attur, b’supervizjoni adegwata u kompetenti maghmulha minn korp magisterjali u “foreman” fuq kull settur. Saret riferenza ghall-Artikolu 1037 tal-Kap. 16. Mhux kull incident li jigri fuq il-lant tax-xoghol irid necessarjament jissarraf fi htija awtomatika ta’ min ihaddem. L-“employer” fil-kaz in ezami ingagga nies ta’ hila u fil-ligi taghna m’hemmx il-kuncett ta’ “strict liability”, applikat mill-ewwel Qorti (dejjem skond is-socjeta` appellanti).

Skond l-appellanti, l-provi juru li l-haddiema, li sa gew ipprovduti b’ “safety shoes” mill-kumpanija ghal aktar protezzjoni, poggew fallakki bejn braken biex iservuhom ta’ “short-cut”, minflok ma joqghodu jaghmlu tragitt itwal min-naha ghall-ohra tal-bacir u b’hekk jiffrankaw milli joqghodu jduru ma’ l-istess bacir. Jekk imbaghad kien hemm karenza ta’ dawl adegwat fil-post ta’ l-incident, billi kien xoghol ta’ bil-lejl, il-kumpannija xorta wahda ma kellha htija ta’ xejn ghaliex hadd ma infurmaha b’dan. M’ghandux ghalhekk ibati l-“employer” f’kull kaz ghall-imprudenza ta’ terzi, jekk hu ma jkunx fi htija anzi jkun irrizulta li dan l-“employer” ikun addotta u implimenta dawk il-mizuri intizi proprju biex jiskonguraw incidenti fuq il-post tax-xoghol.

11. Din il-Qorti, wara li gharblet akkuratament mill-gdid il-provi kollha fir-rigward ta’ responsabbilta`, hija tal-

konvinciment li din il-parti ta’ l-aggravju hija ghal kollox infondata. Huwa minnu li s-socjeta` konvenuta kellha nies li “suppost” jaraw li x-xoghol fil-bacir jigi kondott b’mod li ma jkunx ta’ periklu ghall-haddiema imma l-fatti juru mod iehor. L-attur xehed li hu kien qed jahdem fuq vapur u kompla hekk (ara fol. 23 tal-process, l-ahhar paragrafu),
“..... u mbaghad hrigna biex nghaddu ghal fuq biex naqsmu l-bacir, nehhew kienu (sic) ghaliex kienu imlew il-bacir bl-ilma, kienu nehhew il-kexxun, il-kexxun li jilqa’ l-ilma tal-bacir...”

Angelo Carabott, haddiem iehor jahdem bhala “blaster”, jikkonferma kjarament li dawn il-fallakki ma tqeghdux mill-haddiema imma sabuhom hemm. Inoltre jghid ukoll li l-post in kwistjoni kien imdallam (ara xhieda a fol. 58 u 59 tal-process).

12. L-incident *de quo* gara bil-fatt li waqt li l-attur kien ghaddej minn fuq dawn il-fallakki (proprjament “bicciet ta’ injam”) dahhal saqajh bejn l-iskaluni u ddanneggja gravement irkopptu u sofra dizabilita` fizika permanenti stmata f’percentwal ta’ hmistax fil-mija (15%). Issa huwa minnu li rrizulta li s-socjeta` konvenuta pprovdiet “safety officer” imma, bir-rispett kollu, ma jirrizultax li dan l-ufficjal kien kompetenti bizzejjed biex jipprevedi l-perikolizita` evidenti li giet ikkrejata b’dawk l-iskaluni. Fil-fatt, Thomas Abela, l-ufficjal in kwistjoni jispjega hekk (fol. 78), dwar il-possibilita` ta’ incident
“Dana ahna ma pprevedejniehx, jigifieri li kieku xi hadd basar x’ser jigri, konna naghmluhom (il-fallakki) mill-ewwel gurnata, as from day one, pero` mill-ghada kienet giet deciza ghamilna t-tavluni fuq l-iskala, biex flok baqghu skaluni giet tram,...” (sottolinear tal-Qorti)

Mistoqsi mbaghad jekk dik iz-zona tax-xoghol kenitx imdawla adegwatament, Abela jelabora hekk (fol. 79),
“Dawl kien hemm, dawl kien hemm, jigifieri qatt ma tista’ tghid li kien hemm bizzejjed jew ghandek in-nieqes, fid-dawl kif naqbad nghidlek. (sic)..” (sottolinear tal-Qorti).

Il-Qorti staqsiet lis-“safety-officer” kienx prezenti dakinhar u dan wegibha hekk (fol. 79),

"Jien bil-lejl ma kontx hemm, pero` ahna konna naghmlu kull mezz possibbli, jigifieri ghalkemm jiena ma kontx hemm bil-lejl hemmhekk, irrid noqghod attent li nara li hemm dawl bizzejjed."

Effettivament hemm provi sufficjenti li juru li dawl adegwat ma kienx hemm.  Din il-Qorti ma jidhrilhiex li tezisti xi raguni l-ghala ghandha tiddisturba dak li gie konstatat u deciz mill-ewwel Qorti dwar responsabbilta`, u lanqas jidhrilha li jirrizulta li kien hemm xi kontributorjeta` da parti tas-sinistrat.  Dak li s-socjeta` konvenuta pprovdiet bhala rimedju proprju l-ghada stess li sehh dan l-incident, seta' facilment sar fiz-zmien opportun.  Kien evidenti li l-iskaluni li tqeghdu bejn il-barkuni kienu ta' periklu ghall-haddiema li kienu tenuti li jghaddu minn fuqhom.  Daqstant iehor kien evidenti li n-nuqqas ta' dawl adegwat fil-hin ta' bil-lejl kien ser ikompli jiggrava dan l-istat ta' perikolizita` fuq il-lant tax-xoghol.  Tahti ghal dan kienet unikament is-socjeta` konvenuta.

13.  Dwar id-danni likwidati, is-socjeta` appellanti ressqet diversi punti ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti. Tissottometti li d-danni moghtija kellhom ikunu bbazati fuq it-telf reali u mhux fuq dak li hu astratt jew kuncetti li ma joholqux bilanc gust bejn danneggjat u danneggjant.  L-aggravji huma aktar specifikatament dawn:-

(i) li l-ewwel Qorti ingustament akkordat lill-attur is-somma ta' Lm4,700 bhala telf attwali ("damnum emergens") semplicement ghaliex haddiem iehor fl-istess grad ircieva daqstant bhala "overtime" u "allowances", mentri tali hlasijiet addizzjonali ma huma prerogattiva ta' hadd; u

(ii) meta kkalkulat il-"lucrum cessans", l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni mhux biss il-paga attwali izda qieset ukoll kemm is-sahra ("overtime") u beneficcji ohrajn ("allowances"), daqs li kieku dawn kienu ser jibqghu jigu ppercepiti bi dritt in perpetwu, meta invece dan mhux hekk ghaliex dawn huma fatturi incerti li jafu jvarjaw skond ic-cirkostanzi minn zmien ghal zmien kwindi jsegwi li l-"overtime" u l-"allowances" ma kellhomx jigu kkunsidrati maz-zidiet futuri mar-rata tal-paga.

14. Min-naha l-ohra, l-appellat wiegeb li l-ammont likwidat lilu in linea ta' "damnum emergens" kien jirraprezenta t-telf effettiv ghal dik is-sena li huwa safa' kostrett li jassenta ruhu minn fuq il-lant tax-xoghol in konsegwenza ta' l-incident u kien bazat fuq dak l-ammont li l-haddiema l-ohrajn fl-istess grad ircevew attwalment f'dik is-sena. Fi kliem iehor kien telf attwali u xejn fl-astratt.

15. Dwar il-"lucrum cessans", l-attur issottometta li l-"overtime" u l-"allowances" fil-kaz tieghu, u haddiema bhalu, ma kenux sempliciment aspettattiva li tista' jew ma tistax tavvera ruhha izda kellha titqies bhala dhul effettiv li wiehed ragonevolment kien jistenna li jdahhal. Huwa ghamel riferenza ghal dak li kien effettivament jaqla' annwalment u dak li kien jiddikjara bhala qliegh.

Fuq kollox kellu wkoll jigi nnutat li l-ewwel Qorti arginat il-quantum tad-danni billi uzat "multiplier" baxx ta' ghoxrin (20) sena u applikat riduzzjoni ta' ghoxrin fil-mija (20%) ghal-'lump sum payment'.

16. Din il-Qorti wara li qieset dawn l-aggravji tas-socjeta` appellanti u t-twegiba tal-kontroparti appellata dwarhom, hija tal-fehma li fir-rigward ta' l-ewwel aggravju s-socjeta` appellanti m'ghandhiex ragun filwaqt li fir-rigward tat-tieni aggravju dwar il-"lucrum cessans" ghandha ragun *in parte* kif ser jigi spjegat.

Dwar l-ewwel aggravju deher car li l-attur gie priv milli jippercepixxi l-istess ammont ta' hlasijiet ghal xoghol bis-sahra kif ukoll dawk l-"allowances" li l-haddiema fl-istess grad tieghu hadu f'dik is-sena partikolari. Kien mela telf attwali u ma kien hemm xejn azzardat u kienet ghalhekk korretta l-ewwel Qorti li talloka l-ammont in kwistjoni lill-attur bhala parti mill-*quantum* tad-danni dovut lilu in konsegwenza diretta ta' dan l-incident.

17. Dwar il-"lucrum cessans", din il-Qorti hija invece tal-fehma li hemm validita` kemm f'dak li gie sottomess min-naha ta' l-appellanti kif ukoll min-naha ta' l-appellat. Fil-fatt hija jidhrilha li biex issir gustizzja l-ammont f' "overtime" u f' "allowances" kellu jinghata, jew ahjar jigi

kkalkolat, fuq bazi ta’ hamsin fil-mija (50%) fuq l-ammont totali. Dan ghaliex min-naha l-wahda m’huwiex gust, kif zbaljatament argumentat is-socjeta` appellanti, li ladarba tali hlas mhux parti integrali mal-paga allura ma kien dovut qatt u f’ebda ammont; u min-naha l-ohra, lanqas ma huwa gust li jitqies li dawn il-hlasijiet ta’ “overtime” u “allowances” huma dovuti bid-dritt u bla interruzzjoni minghajr il-possibilita` ta’ fluttwazzjoni jew varjazzjonijiet minn sena ghal ohra. Ghalhekk din il-Qorti sejra tiehu l-istess ammonti li gew ikkunsidrati mill-ewwel Qorti ghall-fini ta’ paga u “overtime/allowances” u taghmel l-aggustamenti neccessarji fir-rigward ta’ l-imsemmija “overtime allowances”. Fi kliem iehor, il-Qorti ser tiehu l-paga annwali bhala dik ta’ Lm4167.00 u l-ammont annwu globali ta’ “overtime” u “allowances” fis-somma ta’ Lm4700.00c. Dan l-ahhar ammont ghalhekk irid jigi ridott bin-nofs ghas-somma ta’ Lm2350 (elfejn tlett mija u hamsin lira Maltija). Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandu jkun hemm tibdiliet ohra ghajr fir-rigward tal-“lucrum cessans”. Ghalhekk il-formula, ghal fini ta’ likwidazzjoni tad-danni, qeghda tinhadem hekk:

(i) <u>*Dannum Emergens*</u>: Lm4,700.00c

(ii) <u>*Lucrum Cessans*</u>:

Lm6,517 (Lm4,167+Lm2,350) X20 X15% X80% = Lm15,640.80

<u>Rikapitolazzjoni rigwardandi d-Danni</u>:

| | |
|---|---|
| *Damnum Emergens*: | Lm 4,700.00c |
| *Lucrum Cessans*: | <u>Lm15,640.80c</u> |
| Total: | <u>Lm20,340.80c</u> |

(Ghoxrin elf tlett mija u erbghin lira u tmenin centezmu).

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi u tiddisponi minn dana l-appell billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza dwar responsabbilta`, tirriforma dik il-parti rigwardanti l-<u>*quantum*</u> tad-danni li ghandhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta billi minflok l-ammont li gie likwidat mill-ewwel Qorti, qeghda tillikwida l-ammont fuq imsemmi ta’ Lm20,340.80c (ghoxrin elf tlett mija u erbghin lira u tmenin centezmu) u b’dan li ghandu

jkun hemm ukoll temperament fil-kap ta’ l-ispejjez li ghandhom jigu sopportati, fir-rigward taz-zewg istanzi, kwantu ghal erba’ kwinti ($^{4}/_{5}$) mis-socjeta` konvenuta u kwinta parti ($^{1}/_{5}$) mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------